

Brussell, 29 ta' Marzu 2019
(OR. en)

7874/19

Fajl Interistituzzjonali:
2015/0278(COD)

CODEC 788
SOC 247
MI 296
ANTIDISCRIM 6
AUDIO 51

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u għas-servizzi (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġislattiv

1. Fit-3 ta' Diċembru 2015, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta msemmija hawn fuq¹.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fil-25 ta' Mejju 2016².
3. Fit-13 ta' Marzu 2019, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. L-eżitu tal-votazzjoni fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għaldaqstant għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill³.

¹ 14799/15 + COR 1 + COR2.

² ĠU C 303, 19.8.2016, p. 103.

³ 7174/19.

4. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden biex jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tinsab fid-dokument PE-CONS 81/18, bħala punt "A" tal-aġenda ta' laqgħa li jmiss.

Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġislattiv ikun adottat.

Wara li jiġi ffirmat mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, l-att leġislattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
